Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 105/2018

Il-Pulizija

Vs

Anthony Mario Baldacchino

Illum 21 ta' Mejju, 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Anthony Mario Baldacchino detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 80503L, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fl-4 ta' Settembru 2016 ghall-habta ta' 18:45 hrs gewwa 11, Anfield, Flat 3, Triq il-Mejjilla, Qormi:

1. Hebb minghajr ma darab lil Lorraine Falzon u lil Aimee Magri;
2. Insulenta, hedded u ingurja bi kliem lil Lorraine Falzon u lil Aimee Magri;
3. Volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn 300 Euro ghad-dannu ta' Lorraine Falzon.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 ta' Frar, 2018, fejn il-Qorti rat li l-ewwel u t-tieni akkuzi gew rinunzjati. Ghaldaqstant il-Qorti ddikjarat il-procediment ezawrit;

Illi t-tielet akkuza irrizultat ippruvata;

Sabet lill-imputat hati tat-tielet akkuza u wara li rat Art 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu ghal tmien xhur prigunerija sospizi ghal sena.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-import tas-sentenza.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Anthony Baldacchino, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Marzu, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** fejn il-Qorti sabet lill-imputat mhux hati u **thassarha** u **tirrevokaha** fejn il-Qorti sabet l-akkuzat hati tal-imputazzjoni kif indikat fis-sentenza u minnha **tilliberah** skont il-ligi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Anthony Baldacchino huma s-segwenti u cioe`:-

1. Illi l-ewwel u qabel kollox l-imputat qed jishaq fuq l-innocenza tieghu. Illi sahansitra l-parti civile lanqas **ma riedet tixhed**, bhalma kellha kull dritt li taghmel, taht l-**Artikolu 633(2)** tal-Kodici Kriminali, imma l-ewwel Qorti ddecidiet b'mod iehor. Illi dan qed jinghad meta fl-istess gurnata kien hemm erba' **(4)** kawzi kollox bin-numri **9**, **10**, **15**, u **21** fuq il-lista tal-kawzi tnejn minnhom kienu kontra l-parte civile filwaqt li t-tnejn l-ohra kontra l-imputat. Illi minn dawn l-erba' **(4)** kawzi **(3)** tlieta minnhom spiccaw b'wicc il-gid imma l-ewwel Qorti ghazlet li tisma' din il-kawza.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, anki x-xhieda tal-parte civile tant kienet inkonsistenti u xejn ezatt li l-ewwel Qorti bdiet turi l-irritazzjoni taghha f'dan ir-rigward. Illi dan kollu kellu **jimmilita** favur l-imputat imma l-ewwel Qorti ghazlet li ssibu hati tat-tielet akkuza. Illi anki hawn li gara kien ghal kollox 'accident' u li ferm ghajb li minhabba 'accident', wiehed jispicca b'kundanna ta' tmien **(8)** xhur habs liema terminu gie sospiz ghal perjodu ta' sena. Illi anki hawn, dan it-tip ta' sentenza kienet ghal kollox **harxa** fejn l-aghar sentenza li wiehed jista' jkollu wara l-habs hu sentenza sospiza.

3. Illi l-parti civile lanqas ma riedet tixhed, liema xewqa ma gietx rispettata mill-ewwel Qorti. Illi din kienet ghal kollox vjolazzjoni tad-drittijiet tal-parti civile, iktar u iktar meta hi ghadha tghix mal-imputat fl-istess dar, liema haga m'ghenitx is-sitwazzjoni. Illi l-parti civile qed tghix mal-akkuzat, il-ligi taghti lill-possibilità li ma tixhidx liema haga ma gietx rispettata mill-ewwel Qorti.

4. Illi din apparti, l-imputat qed jirriserva d-dritt li jressaq argument rilevanti skont il-kaz fl-istadju tal-appell.

Semghet lill-avukati tal-partijiet jittrattaw il-kaz.

Semghet lil **Lorraine Falzon** tixhed quddiemha nhar id9 ta' Mejju, 2019, stante li x-xhieda mghotija minnha quddiem l-ewwel Qorti nhar is-26 ta Frar 2018 ma tinsab dattilografata. Hija spjegat likellha relazzjoni intima mal-appellant ghall-perijodu ta tmien snin , liema relazzjoni spiccat fis-ena 2017. Qalet li minn din ir-relazzjoni ghandhom tifel Santos li illum ghandu hames snin unofs. Spjegat li illum il-0gurnata ir-relazzjoni taghha mal-appellant hija wahda tajba u civili u ma tixtieqx tixhed fuq dan l-incident u dan bil-ghan li ma tiddisturbax ir-relazzjoni ta bejniethom anke fl-interess tal-minuri. SPjegat li Aimee Magri hija bintha u ghandha tmintax-il sena u li illum hi ukol ghandha relazzjoni tajba mal-appellant.

Il-Qorti rat it-tifsira li qed tinghata lil kelma 'familja' kif misjuba fid Dometic Violence Act u appuntu *"family or domestic unit" includes: (a) current or former spouses, civil union partners or cohabitants;*[1]"

Rat ukoll dak li jiddisponi l-artikolu 633 tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta Malta lijiddisponi is-segwenti:-

(2) *"Madankollu, jitħalla fid-diskrezzjoni tal-qorti, li tieħu qiestal-grad ta' qrubija tax-xhud mid-demm, tal-mod li bih huwa juri likieku ma jixtieqx jixhed kontra l-mara jew kontra r-raġel, kontra s-sieħeb tiegħu jew tagħha f'unjoni ċivili jew kontra l-koabitant tiegħu jew tagħha, kontra axxendent jew dixxendent, jew kontraħuh, oħtu, iz-ziju, in-neputi, u ta' ċirkostanzi partikulari oħra tal-każ, biex ma ġġegħelx jixhed ix-xhud illi juri li jixtieq li*

[1] Preliminari Kapo 586 tal ligijiet ta Malta

*majixhedx kontra persuna li tiġi minnu f'xi wieħed jew ieħor mill-gradi hawn fuq imsemmija"*

In vista ta dan l-artikolu l-Qorti laqghet it-talba sabiex Lorraine Falzon ma tixhedx fuq l-allegat incident.

Il-Qorti rat li i-xhieda l-ohra imresqa mill-pulizija u cioe PS 274 James Turner kien biss xhud tar-rapport li kient ghamlet Loraine Falzon, liema rapport ma giex konfermat minnha u ghalhekkk tali xhieda mhiex l-ahjar xhieda li setghet tingieb f'dawn il-proceduri u ma tikkosntitwixxi l-ebd aprova fir-rigward tal-appellant stante li mhiex the best evidence.

Il-Qorti tirrileva li l-provi migjuba quddiem din il-Qorti mhumeix l-istess provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti fejn sabet lill-appellant hati tat-tielet akkuza.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tilqa' l-appell tal-appellant fis-sens li qeghda tirriforma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti billi qed tikkonfermaha fir-rigward tal-ewwel u t-tieni akkuza fejn ma sabitux hati taghhom u lliberatu u qeda tirrevokha fir-rigward tat-tielet akkuza fejn sabitu hati u minflok qeda tilliberah minn din l-imputazzjoni wkoll.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur